MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 217/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Peress illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fir-Registru taz-Zwieg fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ April 2006, u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

2. Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmitijiet essenzjali tieghu; u b’ anomalija psikologika li ghamlitha impossibli

ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. U peress illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. U peress illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19(1) (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob lil din il-Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna illi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrent u l-intimata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2006 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana ai termini ta' dak dispost fl-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta biex tixhed ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-26 ta' April 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] da parti taz-zewg partijiet, u fit-termini tal-paragrafu [f] da parti tal-konvenuta, ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jiddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati. Fis-26 ta' April 2006 il-partijiet izzewgu civilment meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu lhom jafu lil xulxin ghall-perijodu ta' circa sentejn u nofs, interrott minhabba n-natura tax-xoghol ta' l-attur li jahdem ma' kumpanija ta' l-ajru. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta' ftit gimghat, il-partijiet isseparaw.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li, ghalkemm il-partijiet kellhom il-hsieb li jizzewgu fil-futur, huma acceleraw id-data taz-zwieg minhabba li l-attur kien sab xoghol li minhabba fih kellu jirrisjedi barra minn Malta f' Dubai. Sadanittant il-konvenuta bdiet tesprimi ma' l-attur u mal-genituri taghha d-dubji li kellha dwar jekk verament hija kinitx lesta ghall-pass taz-zwieg. Tghid li kellha hafna dubji u "I felt that I wasn't ready for it" u li kellha dubji serji "about marrying" in generali.

Izda minkejja dan, il-konvenuta fuq insistenza perzwaziva ta' l-attur, accettat li tizzewweg, u fil-fatt izzewgu fid-data fuq indikata. Wara gimgha, l-attur telaq lejn Dubai, filwaqt li l-konvenuta, allura martu, baqghet Malta tghix mal-genituri taghha. Sussegwentement hija bbukjat sabiex titla' fejn l-attur f' Gunju ta' l-istess sena, izda kienet informat lill-attur li ma kinitx ghadha lesta li titla' tghix mieghu. Eventwalment telghet fejnu f' Awwissu, u damu jikkonvivu tlett gimghat.

Illi matul din il-konvivenza matrimonjali qasira, hareg bic-car li hadd mill-partijiet ma kien lest ghall-pass li hadu, partikolarment l-konvenuta. Ghalkemm kienu jaghmlu l-att taz-zwieg, dan dejjem sar bi prekawzzjoni biex ma jkollhomx tfal. Wara dan il-perijodu l-partijiet irrealizzaw bl-izball li ghamlu, u ddecidew li jisseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, il-partijiet kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali fis-sens li huma ma apprezzawx l-import ta’ l-obbligu taghhom li jghixu f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbja ta’ l-ulied. Dan jirrizulta car mill-fatt li, ghalkemm il-konvenuta kellha dubji serji dwar il-pass taz-zwieg, hija xorta wahda ghaddset rasha u halliet lilha nnifisha tigi traxxinata fl-istat taz-zwieg ; minn naha tieghu, l-attur messu rrealizza li huwa ma setgax jghix il-hajja konjugali ma’ mara li kellha dubji serji dwar iz-zwieg u li kienet riluttanti li tiehu dan il-pass.  Dan jispjega kif, wara konivivenza qasira hafna, il-partijiet sabu li ma setghux jibqghu jghixu flimkien.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta’ April 2006.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------